**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 95/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**TC**

**Vs**

**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' TC datat 2 ta' Marzu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huma żżewwġu permezz ta' ċerimonja reliġjuża ċelebrata fil-Knisja tal-Kappuċċini ġewwa Birkirkara, nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija, tnejn u disgħin ( 1992 ) ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied, waħda bl-isem ta' M li twieldet f'X u l-ieħor bl-isem ta' K li twieled f'Y liema wlied huma llum maġġorenni u t-tnejn jaħdmu.*

3. *Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta ( 2006 ) liema kopja qed jiġi hawn anness u mmarkat dok B.*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.*

5. *Illi fil-fatt għaddew ferm oltre minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni*

*bejniethom.*

6. *Illi għaldaqstant jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet TC u MC skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara ż-żwieġ tar-rikorrent TC u MC maħlul, u li konsegwentament il-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi TC xehdet (vide affidavit a fol 16 ) illi hija iżżewwġet lil MC fit-30 ta' April 1992, u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, illum it-tnejn maġġorenni u jaħdmu. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 13 ta' Marzu 2006. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet. Illi minn dak in-nhar ta' separazzjoni 'l hawn, għaddew ferm aktar minn erba' snin u ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-intimat MC xehed (vide affidavit a fol 19) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet bl-affidavit martu TC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' April 1992 (Vide dok A, fol 5) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom zewġ ulied, it-tnejn maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, datat 13 ta' Marzu 2006 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**